MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Rikors Numru. 44/2007/1

**L-Avukat Dottor Roberta Fenech bhala mandatarja specjali ta' l-assenti Michael Mercieca (passaport Malti numru 595052) u Anna Weldon (passaport Malti 754759)**

**vs**

**Carmel Pace**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-intimat prezentement jikri minghand il-mandanti tal-esponenti, l-fond gewwa numru 2, Beresford Street, Sliema, liema fond huwa proprjeta' ta' l-istess mandanti Michael Mercieca u Anna Weldon;

Illi l-intimat ihallas kera ta' tmienja u erbghin lira Maltin (Lm48) fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem, fl-1 ta' Jannar ta' kull sena;

Illi jirrizulta illi l-intimat ma huwiex qed jaghmel uzu mill-fond de quo skond id-destinazzjoni tieghu u ghall-iskop li ghalih gie mikri u effettivament ma ghadux jabita gewwa l-fond imsemmi li ghalhekk jinsab dizabitat, u dan bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-kirja inkwistjoni, liema ksur jawtorizza lis-sid illi jiriprendi l-pussess vakanti tal-istess fond;

Ghaldaqstant filwaqt illi taghmel umili referenza ghall-premess, l-esponenti nomine titlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna lil-intimat sabiex fi zmien prefiss mill-istess Bord jitlaq u jizgombra mill-fond 2, Beresford Street, Sliema u jawtorizza lill-esponenti nomine illi tirriprendi l-pussess ta' l-istess fond skond il-Ligi.

Ra illi l-intimat debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni la wiegeb u anqas deher biex jikkontesta t-talbiet kontra tieghu;

Ra it-talba tar-rikorrenti sabiex ir-rikors jithalla ghas-sentenza (fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-intimat];

Illi ghalhekk ai termini tal-artikolu 9(a) tal-Kap 69, il-Bord jilqa t-talba tar-rikorrenti u jawtorizza r-ripresa tal-fond tnejn (2), Beresford Street, Sliema mir-rikorrenti u dan fi zmien xahar (1) mil-lum wara liema zmien l-intimat ghandu jizgombra u jhalli liberu u vakant l-istess fond.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------